**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 502/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliott Magro)**

**Vs**

**Jason Calleja**
**Emanuel Calleja**

**Illum 7 ta' Novembru 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Jason Calleja**, iben Emanuel u Mary neè Borg, imwieled il-Pietà fit-28 ta' Awwissu 1974 u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 0401174(M), **u** ta' **Emanuel Calleja**, iben Carmel u Giuseppa neè Bigeni, imwieled Birkirkara fit-22 ta' Ottubru 1944 u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 0889045(M), talli nhar it-8 ta' Novembru 2021 u fil-ġranet u ġimgħat ta' qabel ġewwa Triq Sant' Andrija, Msida, f'razzett bin-numru ta' reġistrazzjoni D043, b'diversi atti magħmula minnhom fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi, u li jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Bħala sidien, detenturi, negozjanti jew importaturi, destinarji, trasportaturi, bejjiegħa bl-imnut jew kull persuna oħra awtorizzata taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kap.437 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex jiddisponu minn annimali ħajjin, prodotti ta' oriġini mill-annimali, prodotti elenkati fl-Ewwel Skeda, għalf ta' l-annimali jew prodotti mediċinali veterinarji, jew rappreżentanti ta' dawk il-persuni, jew min kien inkarigat minn xi attività veterinarja privata, ma osservawx kull obbligazzjoni imposta fuqhom taħt il-Kap.437, li għandha x'taqsam ma' mard li jittieħed, bħala persuni li kellhom jidentifikaw u jirreġistraw annimali u jiddikjaraw ċaqlieq ta' annimali li kienu taħt ir-responsabilità tagħhom, bi ksur ta' l-Artikolu 35(1)(ċ)(iii) tal-Kap.437 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Bħala sidien, detenturi, negozjanti jew importaturi, destinarji, trasportaturi, bejjiegħa bl-imnut jew kull persuna oħra awtorizzata taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kap.437 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex jiddisponu minn annimali ħajjin, prodotti ta' oriġini mill-annimali, prodotti elenkati fl-Ewwel Skeda, għalf ta' l-annimali jew prodotti mediċinali veterinarji, jew rappreżentanti ta' dawk il-persuni, jew min kien inkarigat minn xi attività veterinarja privata, naqsu milli jiddikjaraw l-attività tagħhom lis-servizzi veterinarji skond id-dispożizzjonijiet tal-Kap.437, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 35(1)(a) tal-Kap.437 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ma ħadux dawk il-passi raġonevoli f'kull ċirkostanza sabiex jiżguraw li l-ħtigijiet ta' annimal li kienu responsabbli għalih, jew li qablu li jieħdu ħsiebu, jintlaħqu hekk kif meħtieġ bi prattiċi tajba sabiex tiġi żgurata s-saħħa u l-benesseri ta' l-annimal, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(4) tal-Kap.439 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ġiegħlu annimali jsofru uġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(2) tal-Kap.439 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi żammew jew qablu li jżommu annimali mingħajr ma kienu responsabbli għat-trattament xieraq tagħhom, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(3) tal-Kap.439 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ħadu sehem fil-moviment, l-għoti ta' kenn, irbit, sturdament, tbiċċir jew qtil ta' annimali meta ma kellhomx it-tagħrif u l-ħila meħtieġa biex jwettqu il-ħidmiet b'umanità u b'effiċjenza skond il-ħtiġiet tar-regolamenti kif stipulati u bi ksur tar-Regolament 7 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.03 dwar il-Protezzjoni ta' Annimali waqt it-Tbiċċir jew il-Qatla;

7. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi naqsu milli jipprovdu lill-annimali protezzjoni minn kondizzjonijiet ħżiena tat-temp, predaturi u riskji għal saħħithom, u dan bi ksur tal-Punt 12 ta' l-Iskeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.09;

8. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi naqsu milli jipprovdu dieta sustanzjuża li tkun xierqa għall-età u l-ispeċi ta' l-amminali u li tingħatalhom fi kwantità biżżejjed biex iżżommhom f'saħħithom u jissodisfaw l-bżonnijiet nutrittivi tagħhom, u dan bi ksur tal-Punt 14 ta' l-Iskeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.09;

9. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ma kienx hemm dawl adegwat disponibbli (fiss jew li jinġarr) biex jippermetti li l-annimali jkunu spezzjonati sew f'kull ħin, u dan bi ksur tal-Punt 3 ta' l-Iskeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.09;

10. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi l-annimali ma kellhomx aċċess għall-ikel f'intervalli xierqa għall-bżonnijiet fiżjoloġiċi tagħhom, u dan bi ksur tal-Punt 15 ta' l-Iskeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.09;

11. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi l-annimali ma kellhomx aċċess għal provvista xierqa ta' ilma jew li tkun kapaċi tissodisfa l-bżonnijiet ta' xorb tagħhom permezz ta' mezzi oħra, u dan bi ksur tal-Punt 16 ta' l-Iskeda tal-Leġislazzjoni Sussidarja 439.09;

12. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, il-materjali wżati għall-bini ta' akkomodazzjoni ta' l-għoġġiela u partikolarment ta' kaxxi u tagħmir li miegħu l-għoġġiela jista' jkollhom kuntatt ma ridux ikunu ta' ħsara għall-għoġġiela u riedu jkunu jistgħu jitnaddfu sew u jkunu disinfettati, u dan bi ksur tal-Punt 1 ta' l-Iskeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.01;

13. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi l-insulazzjoni, is-sħana u l-ventilazzjoni tal-bini ma kinitx tiżgura li ċ-ċirkolazzjoni ta' l-arja, il-livell tat-trab, it-temperatura, l-umdità relattiva ta' l-arja u l-konċentrazzjoni tal-gass jinżammu fil-livelli li ma jagħmlux ħsara lill-għoġġiela, u dan bi ksur tal-Punt 3 ta' l-Iskeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.01;

14. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi l-għoġġiela ma ġewx spezzjonati mis-sid ta' lanqas darbtejn kuljum u kull għoġol marid jew imweġġa' ma ġiex ikkurat, u dan bi ksur tal-Punt 6 ta' l-Iskeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.01;

15. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi l-fond, il-maqjel u t-tgħamir ma tnaddafx tajjeb u ma ġiex diżinfettat, u dan bi ksur tal-Punt 9 ta' l-Iskeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.01;

16. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi l-għoġġiela ma kienux provduti dieta xierqa u adattata għall-età, toqol, imġieba u bżonnijiet fiżjoloġiċi tagħhom, u dan bi ksur tal-Punt 11 ta' l-Iskeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.01;

17. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi l-għoġġiela ma ġewx mitmugħa darbtejn kuljum, u dan bi ksur tal-Punt 12 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.01;

18. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi l-għoġġiela akbar minn ġimgħatjen ma kellhomx aċċess għall-kwantità biżżejjed ta' ilma frisk, u dan bi ksur tal-Punt 13 ta' l-Iskeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.01;

19. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kkommettew reat waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza imposta fuqhom mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-1 ta' Lulju 2021, mill-Maġistrat Dr. Victor Axiak, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti: (1) f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika il-piena skond il-Liġi, tordna lil Jason Calleja u Emanuel Calleja sabiex iħallsu l-

ispejjeż imġarrba għat-trattament, rilokazzjoni jew konfiska ta' annimali minn kull post f'Malta, ir-revoka ta' kull permess maħruġ għall-operat ta' kull attività regolata taħt il-Kap.439 tal-Liġijiet ta' Malta, u għal spejjeż oħra raġonevoli kif jidhrilha xieraq bħala riżultat ta' dak ir-reat jew reati, u dan skond l-Artikolu 45(3) tal-Kap.439 tal-Liġijiet ta' Malta; u (ii) f'każ ta' ħtija tqis lil Jason Calleja u Emanuel Calleja bħala li saru reċidivi ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li ġew misjuba ħatja ta' diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni a fol. 5 sa' 8 tal-proċess, fosthom il-Kunsens ta' l-Avukat Ġenerali a tenur ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li entrambe l-imputati ddikjaraw li ma għandhomx oġġezzjoni li l-każ tagħhom jiġi trattat bi proċedura sommarja u entrambe wieġbu li ma humiex ħatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħhom[1];

Semgħet ix-xhieda ta' Charles Spiteri, in rappreżentanza tad-Direttorat tar-Regolazzjoni Veterinarja, mogħtija waqt is-seduta tas-6 ta' Ottubru 2022[2] u rat id-dokument esebit minnu markat Dok. "CS" a fol. 19 sa' 30 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Jonathan Zammit[3], in rappreżentanza tad-Direttorat tar-Regolazzjoni Veterinarja, ta' Dr. Steve Farrugia[4], impjegat mad-Direttorat tar-Regolazzjoni Veterinarja, ta' Dr Vito Domenico Benvenga[5], impjegat mad-Direttorat tar-Regolazzjoni Veterinarja, ta' Aldo Bonello[6], in rappreżentanza tad-Direttorat tar-Regolazzjoni Veterinarja, u ta' PS2242 Rodine Ghirxi[7] mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' Novembru 2022 u rat id-dokument esebit minn Dr. Steve Farrugia markat Dok. "SF" a fol. 41 u 42 tal-proċess u d-dokument esebit minn PS2242 Rodine Ghirxi markat Dok. "RG" a fol. 43 sa' 45 tal-proċess, semgħat ix-xhieda ta' Joseph Calleja mogħtija waqt is-seduti tat-8 ta' Novembru 2022[8] u tas-26 ta' Ġunju 2023[9] u ix-xhieda ta' Christian Lia, in rappreżentanza tas-servizzi veterinarji, mogħtija waqt is-seduti tal-15 ta' Diċembru 2022[10] u tas-26 ta' Ġunju 2023[11], semgħet ix-xhieda ta' Raymond Abela, in rappreżentanza tal-Biċċerija, mogħtija waqt is-seduti tal-15 ta' Diċembru 2022[12] u tas-26 ta' Ġunju 2023[13], u x-xhieda ta' Joseph Cassar[14] u ta'

[1] Fol. 12 u 13 tal-proċess.

[2] Fol. 14 sa' 18 tal-proċess.

[3] Fol. 33 sa' 38 tal-proċess.

[4] Fol. 39 u 40 tal-proċess.

[5] Fol. 46 sa' 49 tal-proċess.

[6] Fol. 54 sa' 56 tal-proċess.

[7] Fol. 57 u 58 tal-proċess.

[8] Fol. 50 sa' 53 tal-proċess.

[9] Fol. 99 u 100 tal-proċess.

[10] Fol. 60 sa' 62 tal-proċess.

[11] Fol. 101 u 102 tal-proċess.

[12] Fol. 63 sa' 66 tal-proċess.

[13] Fol. 97 u 98 tal-proċess.

[14] Fol. 67 sa' 69 tal-proċess.

Fiorita Maria Sammut[15], entrambe in rappreżentanza ta' l-Animal Welfare, mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Diċembru 2022 u rat id-dokument esebit minn Joseph Cassar markat Dok. "JC" a fol. 70 sa' 84 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-imputat Emanuel Calleja mogħtija waqt is-seduta tas-27 ta' April 2023[16] u x-xhieda ta' Duncan Chetcuti Ganado, in rappreżentanza tad-Direttorat tar-Regolazzjoni Veterinarja, mogħtija waqt is-seduta tas-26 ta' Ġunju 2023[17] u semgħet ix-xhieda ta' l-imputat Jason Calleja mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' Ottubru 2023[18];

Semgħet is-sottomissjonijiet orali da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża u rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet ta' l-imputati a fol. 109 sa' 116 tal-proċess;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputati Emanuel Calleja u Jason Calleja flimkien qed jiġu mixlija talli nhar it-8 ta' Novembru 2021 u fil-ġranet u ġimgħat ta' qabel ġewwa Triq Sant' Andrija, Msida, f'razzett bin-numru ta' reġistrazzjoni D043, b'diversi atti magħmula minnhom fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi, u li jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda: (1) Bħala sidien, detenturi, negozjanti jew importaturi, destinarji, trasportaturi, bejjiegħa bl-imnut jew kull persuna oħra awtorizzata taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kap.437 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex jiddisponu minn annimali ħajjin, prodotti ta' oriġini mill-annimali, prodotti elenkati fl-Ewwel Skeda, għalf ta' l-annimali jew prodotti mediċinali veterinarji, jew rappreżentanti ta' dawk il-persuni, jew min kien inkarigat minn xi attività veterinarja privata, ma osservawx kull obbligazzjoni imposta fuqhom taħt il-Kap.437, li għandha x'taqsam ma' mard li jittieħed, bħala persuni li kellhom jidentifikaw u jirreġistraw annimali u jiddikjaraw ċaqlieq ta' annimali li kienu taħt ir-responsabilità tagħhom, bi ksur ta' l-Artikolu 35(1)(ċ)(iii) tal-Kap.437 tal-Liġijiet ta' Malta; (2) Bħala sidien, detenturi, negozjanti jew importaturi, destinarji, trasportaturi, bejjiegħa bl-imnut jew kull persuna oħra awtorizzata taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 437 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex jiddisponu minn annimali ħajjin, prodotti ta' oriġini mill-annimali, prodotti elenkati fl-Ewwel Skeda, għalf ta' l-annimali jew prodotti mediċinali veterinarji, jew rappreżentanti ta' dawk il-persuni, jew min kien inkarigat minn xi attività veterinarja privata, naqsu milli jiddikjaraw l-attività tagħhom lis-servizzi veterinarji skond id-dispożizzjonijiet tal-Kap.437, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 35(1)(a) tal-Kap.437 tal-Liġijiet ta' Malta; (3) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ma ħadux dawk il-passi raġonevoli f'kull ċirkostanza sabiex jiżguraw li l-ħtiġijiet ta' annimal li kienu responsabbli għalih, jew li qablu li jieħdu ħsiebu, jintlaħqu hekk kif meħtieġ bi prattiċi tajba sabiex tiġi żgurata s-saħħa u l-benesseri ta' l-annimal, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(4) tal-Kap.439 tal-Liġijiet ta' Malta; (4) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ġiegħlu annimali jsofru uġigħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn u

[15] Fol. 85 u 86 tal-proċess.

[16] Fol. 90 u 91 tal-proċess.

[17] Fol. 94 sa' 96 tal-proċess.

[18] Fol. 105 sa' 107 tal-proċess.

dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(2) tal-Kap.439 tal-Liġijiet ta' Malta; (5) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi żammew jew qablu li jżommu annimali mingħajr ma kienu responsabbli għat-trattament xieraq tagħhom, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(3) tal-Kap.439 tal-Liġijiet ta' Malta; (6) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ħadu sehem fil-moviment, l-għoti ta' kenn, irbit, sturdament, tbiċċir jew qtil ta' annimali meta ma kellhomx it-tagħrif u l-ħila meħtieġa biex jwettqu il-ħidmiet b'umanità u b'effiċjenza skond il-ħtiġiet tar-regolamenti kif stipulati u bi ksur tar-Regolament 7 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.03 dwar il-Protezzjoni ta' Annimali waqt it-Tbiċċir jew il-Qatla; (7) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi naqsu milli jipprovdu lill-annimali protezzjoni minn kondizzjonijiet ħżiena tat-temp, predaturi u riskji għal saħħithom, u dan bi ksur tal-Punt 12 ta' l-Iskeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.09; (8) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi naqsu milli jipprovdu dieta sustanzjuża li tkun xierqa għall-età u l-ispeċi ta' l-amminali u li tingħatalhom fi kwantità biżżejjed biex iżżommhom f'saħħithom u jissodisfaw l-bżonnijiet nutrittivi tagħhom, u dan bi ksur tal-Punt 14 ta' l-Iskeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.09; (9) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ma kienx hemm dawl adegwat disponibbli (fiss jew li jinġarr) biex jippermetti li l-annimali jkunu spezzjonati sew f'kull ħin, u dan bi ksur tal-Punt 3 ta' l-Iskeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.09; (10) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi l-annimali ma kellhomx aċċess għall-ikel f'intervalli xierqa għall-bżonnijiet fiżjoloġiċi tagħhom, u dan bi ksur tal-Punt 15 ta' l-Iskeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.09; (11) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi l-annimali ma kellhomx aċċess għal provvista xierqa ta' ilma jew li tkun kapaċi tissodisfa l-bżonnijiet ta' xorb tagħhom permezz ta' mezzi oħra, u dan bi ksur tal-Punt 16 ta' l-Iskeda tal-Leġislazzjoni Sussidarja 439.09; (12) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, il-materjali wżati għall-bini ta' akkomodazzjoni ta' l-għoġġiela u partikolarment ta' kaxxi u tagħmir li miegħu l-għoġġiela jista' jkollhom kuntatt ma ridux ikunu ta' ħsara għall-għoġġiela u riedu jkunu jistgħu jitnaddfu sew u jkunu disinfettati, u dan bi ksur tal-Punt 1 ta' l-Iskeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.01; (13) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi l-insulazzjoni, is-sħana u l-ventilazzjoni tal-bini ma kinitx tiżgura li ċ-ċirkolazzjoni ta' l-arja, il-livell tat-trab, it-temperatura, l-umdità relattiva ta' l-arja u il-konċentrazzjoni tal-gass jinżammu fil-livelli li ma jagħmlux ħsara lill-għoġġiela, u dan bi ksur tal-Punt 3 ta' l-Iskeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.01; (14) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi l-għoġġiela ma ġewx spezzjonati mis-sid ta' lanqas darbtejn kuljum u kull għoġol marid jew imweġġa' ma ġiex ikkurat, u dan bi ksur tal-Punt 6 ta' l-Iskeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.01; (15) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi l-fond, il-maqjel u t-tgħamir ma tnaddafx tajjeb u ma ġiex diżinfettat, u dan bi ksur tal-Punt 9 ta' l-Iskeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.01; (16) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi l-għoġġiela ma kienux provduti dieta xierqa u adattata għall-età, toqol, imġieba u bżonnijiet fiżjoloġiċi tagħhom, u dan bi ksur tal-Punt 11 ta' l-Iskeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.01; (17) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi l-għoġġiela ma ġewx mitmugħa darbtejn kuljum, u dan bi ksur tal-Punt 12 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.01; (18) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi l-għoġġiela akbar minn ġimgħatjen ma kellhomx aċċess għall-kwantità biżżejjed ta' ilma frisk, u dan bi ksur tal-Punt 13 ta' l-Iskeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.01; (19) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kkommettew reat waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza imposta

fuqhom mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-1 ta' Lulju 2021, mill-Maġistrat Dr. Victor Axiak, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Prosekuzzjoni in oltre qed tissoleva l-addebitu tar-reċidiva fil-konfront taż-żewġ imputati ai termini ta' l-Artikolu 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Huma wieġbu li ma humiex ħatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħhom.

**Provi:**

**PS2242 Rodine Ghirxi**[19] xehdet illi *kien ċempel persuna anonimu l-Għassa, li kien hemm xi persuni, x'aktarx Għarab, ġor-razzett li kienu qed iħanxru nagħġa jew bodbod. Aħna morna fuq il-post, sibna lin-nagħġa mħanxra rasha l-isfel, sibna lil sid ir-razzett hemmhekk u moħbijin kien hemm xi erba' Għarab jew ta' nazzjonalità Għarbija.* Il-Pulizija dak il-ħin kellmu lill-imputat Jason Calleja, illi għarfitu fl-Awla, u *għednilu jekk għandux permess u hekk, qalilna li din kien qed jagħmilha għalih imma mbagħad x'ħin kellimna lill-Għarab qalulna illi kienet għalihom u nfurmajna lil ta' l-Animal Welfare u lil tal-Biċċerija fuqha u ġew fuq il-post.* Is-Surġent Ghirxi ddikjarat li meta ġew l-Uffiċjali fuq il-post, il-Pulizija akkumpanjawhom ġewwa u in segwitu infurmat lill-Ispettur bl-akkadut. Ir-Rapport tal-Pulizija ġie esebit minnha u huwa markat Dok. "RG" a fol. 43 sa' 45 tal-proċess.

**Charles Spiteri**[20], in rappreżentanza tad-Direttorat tar-Regolazzjoni Veterinarja, xehed illi *kien il-Ħadd 7 ta' Novembru tas-sena 2021, fejn jien u s-Sur Aldo Bonello, peress li aħna uffiċjali u qegħdin on stand by, ġejna nnotifikati mid-Direttur Dr. Paul Portelli, sabiex inwettqu spezzjoni fuq allegat qtil illegali ta' annimali ġo razzett fi Triq Sant' Andrija, l-Imsida, għall-ħabta ta' xi nofsinhar. Ir-razzett huwa dak reġistrat fuq is-Sur Emanuel Calleja. X'ħin wasalna fuq il-post jien u s-Sur Bonello, kien hemm digà sitt uffiċjali tal-Pulizija, żewġ uffiċjali minn ħdan l-animal welfare u kien hemm ukoll, jekk niftakar sew, żewġ persuni ta' nazzjonalità barranija, apparti s-Sur Jason Calleja. X'ħin wasalna, l-uffiċjali idderiġewna għal ġo garaxx li qiegħed faċċata tal-grada u f'dan il-garaxx aħna mill-ewwel sibna nagħġa li kienet imdendla, imħanxra u kienet għadha kemm ġiet maqtula u kienet qed tiġi mqaxxra. X'ħin sibna hekk, aħna ċempilna lid-Direttur mill-ewwel u d-Direttur tana struzzjonijiet sabiex nagħmlu ċensiment ta' l-annimali li hemm preżenti fuq ir-razzett u naraw xi nuqqasijiet oħra. Lis-Sur Jason Calleja aħna għidnielu, peress illi r-razzett huwa reġistrat fuq missieru, aħna staqsjnieh kemm-il darba jekk iridx iċempel lil missieru biex jiġi fuq il-post, u hu qalilna li ma kienx hemm bżonn dak il-ħin. Waqt iċ-ċensiment, fuq il-post sibna 30 baqra, 89 mogħża u 70 nagħġa fejn minnhom kien hemm 21 mogħża u 35 nagħġa li kienu mingħajr ċomb u ma kienux reġsitrati mad-Dipartiment. Sibna ukoll nagħġa li kienet f'kundizzjoni ħażina ħafna u kienet mixħuta ma' l-art u lanqas tista' tqum. Aħna mbagħad ċempilna lil Dr. Vito Benvenga li dakinhar kien il-veterinarju on emergency illi ġie biex jivverifika l-affarijiet fuq il-post. Aħna*

---

[19] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' Novembru 2022, fol. 57 u 58 tal-proċess.

[20] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-6 ta' Ottubru 2022, fol. 14 sa' 18 tal-proċess.

*imbagħad wara ċ-ċensiment speċi tlaqna imma nfurmat ukoll illi l-għada, id-Dipartiment, ħames uffiċjali oħra, wettqu spezzjoni sabiex iqabblu n-numru ta' reġistrazzjoni ta' l-annimali li kellu s-Sur Calleja u naraw l-annimali l-oħra ta' mingħajr reġistrazzjoni minn fejn ġew.*

Charles Scerri ppreżenta r-rapport ta' l-ispezzjoni li seħħet fis-7 ta' Novembru 2021 kif ukoll ta' l-ispezzjoni ulterjuri li seħħet fit-8 ta' Novembru 2021 - Dok. "CS" a fol. 19 sa' 30 tal-proċess - u in konklużjoni taż-żewġ spezzjonijiet ġew ravviżati dawn il-punti:

- *Farmer is clearly changing tags from an animal to another, since it was noticed that on Sunday 7th November 2021, some animals were without tags and the day after they appeared with tags, which not match their ages;*
- *A goat appears on Sunday 7th November 2021 on Emanuel Calleja's farm without temporary transfer for mating and on Monday 8th November 2021 it was not there anymore. Meaning that the farmer moved an animal without authorisation;*
- *Illegal slaughtering on farm;*
- *6 bovines were kept tied and in darkness (even though on Sunday was told to put them free, on Monday they were found tied again);*
- *1 sheep was left untreated to death;*
- *Animals are not being fed sufficient feed. Some bovines and even goats were noted to be with a low body score.*

Fir-rigward tar-ritratti formanti parti mir-rapport, Charles Spiteri ddikjara li *l-ewwel ritratti jindikaw għax kien hemm każ fejn annimali li nstabu mingħajr ċomb il-Ħadd, il-ġurnata ta' wara nstabu biċ-ċomb.* Spjega li *huwa obbligat li sa' sitt xhur, sakemm il-ħrief jew in-nagħaġ jew ir-ruminanti ż-żgħar ikunu fuq ir-razzett, jista' jżommhom mingħajr ċomb. Wara s-sitt xhur jew inkella jekk ikun se jbiegħhom ta' età iżgħar, irid l-ewwel jitwaħħlilhom iċ-ċomb imbagħad isir it-transfer. ... F'dan il-każ kien hemm ħafna annimali li kienu bla ċomb. Imbagħad, u dan jistgħu jgħiduh il-kollegi tiegħi għax wettqu l-ispezzjoni ta' wara, illi meta marru l-ġurnata ta' wara u cioè t-Tnejn, twaħħlulhom iċ-ċomb fuqhom.* Mistqosi jekk dan iċ-ċomb twaħħalx mill-kollegi tiegħu, Charles Spiteri wieġeb illi le iżda saħaq li dwar dan setgħu jixhdu l-kollegi tiegħu.

Dwar ritratti oħra formanti parti mir-rapport, Charles Spiteri xehed illi *hemm ritratti fejn hemm in-nagħaġ mingħajr ċomb, hemm dik in-nagħġa li kienet ma' l-art ... il-ħames faċċata, fejn l-għada nstabet mejta mbagħad. Jiġifieri hemm ritratt isfel illi laħqet mietet. Fuq il-paġna ta' wara hemm annimali, l-istess annimali li l-Ħadd kienu bla ċomb imbagħad fil-ġurnata ta' wara nstabu li biċ-ċomb. Hemm ir-ritratti tan-nagħġa li kienet inqatlet u dak imbagħad huma l-annimali l-mejtin meta nġarru biex jiġu disposed of l-inċineratur.*

In kontro-eżami Charles Spiteri ddikjara li dakinhar li mar hu fir-razzett, l-imputat Emanuel Calleja ma kienx qiegħed hemm u għarfu fl-Awla għax jaf min hu. Tenna però li *lis-Sur Jason Calleja aħna għidnielu kemm-il darba li peress illi r-*

*reġistrazzjoni qegħdin fuq Emanuel Calleja, biex jinnotifikah u jgħidlu jiġi imma hu ma riedx.*

Dak affermat minn Charles Spiteri ġie kkonfermat minn uffiċjal ieħor tad-Direttorat tar-Regolazzjoni Veterinarja preżenti dakinhar tas-7 ta' Novembru 2021, ossia **Aldo Bonello**[21] li in kontro-eżami dwar il-qtil ta' annimali fuq ir-razzett stqarr li *ma tistax toqtlu fir-razzett għar-raġun li jrid jiġi ċċekkjat minn veterinarju.* Stqarr li filwaqt li fniek u tiġieġ imrobbija mir-raħħal għalih, jistgħu jinqatlu fuq ir-razzett, ħaruf ma jistax jinqatel b'dan il-mod.

**Dr. Vito Benvenga**[22], veterinarju mad-Direttorat tar-Regolazzjoni Veterinarja, xehed illi kien ġie mitlub jattendi fir-razzett mertu ta' dawn il-proċeduri fis-7 ta' Novembru 2021 peress illi kienet instabet nagħġa maqtula. Stqarr illi *I went on the spot and I checked and eventually there was this sheep hanged and partially skinned on the spot and then I remember that we went around the farm just to see other possible infringements and in fact, my colleague saw other animals for other reasons and that's it.* Stqarr li dakinhar li huwa aċċeda fir-razzett kien hemm l-imputat Jason Calleja, illi huwa għaraf fl-Awla.

Apparte n-nagħġa maqtula, Dr. Benvenga stqarr li kien hemm *a sheep which was found in the stable which was with an infected wound in the leg, I think in the left leg … and she wasn't able to stand up so she was resting. I was going to order the slaughter of the sheep but the owner told me that he will treat it so I said "You have to call a vet and tomorrow when we come, we see that the treatment was given and everything and we said ok", but the day after apparently, when my colleagues went, they found the sheep dead. I wasn't there that day, I was there on the day before.* Fir-rigward ta' qtil ta' nagħaġ, ix-xhud stqarr illi *they cannot just slaughter the sheep. They have to go and book the slaughtering at the slaughter house and it has to be checked and controlled. So that was basically illegal because nobody knew that they were slaughtering the sheep there.* Fir-rigward ta' l-istat ta' l-annimali fir-razzett, Dr. Benvenga stqarr *the state of the animals, apart from that one that I saw with the wound which was very skinny, meaning that she was not eating properly for a certain time, some of the animals, I remember to count, my colleagues were outside. So the owner had to call them and slowly let them pass in front of us and they counted them. I didn't notice any other animal that was skinny like the one I saw down on the floor.* Fir-rigward tar-razzett innifsu xehed illi *what I can just say is that I didn't enter the pens to count the sheep so I didn't see them closely and I just saw them passing from the fields to the pen but I was distant. … What I saw was that there where, let's say, something that was arranged and it looked like something not really made on purpose or made in a good state. It was kept just, to make an example, some of the enclosures weren't real gates but were just made of like we saw in the pictures, either wooden or metal enclosures and put there not stable and not like they should be. Inside, what I remember, from the two photos, those two pens that I saw, they weren't so dirty.* Iżda tenna li huwa ma kienx aċċeda għall-pens ta' l-annimali.

---

[21] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' Novembru 2022, fol. 54 sa' 56 tal-proċess.

[22] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' Novembru 2022, fol. 46 sa' 49 tal-proċess.

**Joseph Cassar**[23], in rappreżentanza ta' l-Animal Welfare, xehed illi *fis-7 ta' Novembru tas-sena 2021, ġejna nfurmati mill-uffiċċju ta' l-ambulanza illi ġew infurmati mill-Pulizija ta' l-Imsida, illi ġewwa farm fi Triq Sant' Andrija, is-Swatar, kienu qed jinqatlu xi bhejjem. Aħna morna fuq il-post għall-ħabta tan-12:30p.m. fejn ġewwa garaxx, kif tidħol mix-xatba, kien hemm nagħġa imdendla nofsha mqaxxra. Min-naħa ta' l-Animal Welfare* [hu u Fiorita Sammut] *sibna żewġt iklieb, wieħed marbut fejn ġegħlnieh iħollu dak il-ħin u ieħor kien qed jiġri u ma stajniex naqbduh u għaddihom lil waħda ċerta Josette Calleja li ħadet ħsieb il-klieb u aktar tard ġew iċċippjati. Fuq il-post ġew membri tal-VRD u komplew bix-xogħol tagħhom rigward il-baqar, il-mogħoż u n-nagħaġ. … In-nagħġa kienet qiegħda imdendla ma' travu fil-garaxx, il-klieb kien hemm wieħed marbut ħdejn skip u l-ieħor kien qed jiġri, kellu l-baqar f'garaxx, kellu baqar f'post ieħor, nagħaġ fuq barra u l-mogħoż ġewwa.*

Fir-rigward tar-rwol ta' l-Animal Welfare, Joseph Cassar stqarr li huma l-iktar li daħlu fiha l-kwistjoni kien minħabba l-klieb, liema klieb in segwitu ġew iċċippjati fuq Josette Calleja. Huwa ppreżenta r-rapport li tħejja dwar dakinhar markat Dok. "JC" a fol. 70 sa' 84 tal-proċess.

**Fiorita Maria Sammut**[24], ukoll in rappreżentanza ta' l-Animal Welfare, ikkonfermat dak affermat minn Joseph Cassar kif ukoll ir-rapport esebit minnu u markat Dok. "JC".

**Dr. Steve Farrugia**[25], impjegat mad-Direttorat tar-Regolazzjoni Veterinarja, xehed illi mid-database tad-Dipartiment jirriżulta li mis-sena 2008 'l hawn ir-razzett mertu ta' dawn il-proċeduri jinsab reġistrat f'isem Emanuel Calleja. Esebixxa kopja tad-dokumentazzjoni relattiva li ġiet immarkata Dok. "SF" a fol. 41 u 42 tal-proċess.

**Jonathan Zammit**[26], rappreżentant tad-Direttorat tar-Regolazzjoni Veterinarja, xehed illi huwa kien attenda għaċ-ċensiment li sar fir-razzett reġistrat f'isem l-imputat Emanuel Calleja, fejn ikun hemm ukoll l-imputat Jason Calleja jieħu ħsieb l-annimali, nhar it-8 ta' Novembru 2021. Flimkien miegħu kien hemm Joseph Calleja, Raymond Abela u Christian Lia mill-Animal Health Unit. Fir-rigward ta' dak riskontrat dakinhar tat-8 ta' Novembru 2021, Jonathan Zammit xehed illi *kien hemm nagħġa li kienet mejta fir-razzett li kienet innotata l-ġurnata ta' qabel li kienet ma tiflaħx, kien hemm xi annimali li ġew innotati li kienu mingħajr tags fil-ġurnata ta' qabel mill-uffiċjali ta' qabilna u fil-ġurnata li morna aħna kienu digà bit-tag.* Stqarr illi r-ritratti formanti parti mir-rapport *juru li kien hawn xi annimali, ritratti meħudin il-Ħadd, jiġifieri fis-7 ta' Novembru, kienu mingħajr tags u l-ġurnata ta' wara, jiġifieri fit-8 ta' Novembru, kienu bit-tags. … Dan ifisser li t-tags twaħħlu overnight* u stqarr ukoll li dawn it-tags huma normalment

[23] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Diċembru 2022, fol. 67 sa' 69 tal-proċess.

[24] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Diċembru 2022, fol. 85 u 86 tal-proċess.

[25] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' Novembru 2022, fol. 39 u 40 tal-proċess.

[26] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' Novembru 2022, fol. 33 sa' 38 tal-proċess.

provduti mid-Dipartiment stess. Jonathan Zammit ikkonferma r-rapport esebit bħala Dok. "CS" a fol. 19 sa' 30 tal-proċess u stqarr li sa' fejn seta' jiftakar, għalkemm ma kienx ċert, dakinhar preżenti kien hemm kemm Jason Calleja kif ukoll Emanuel Calleja.

**Joseph Calleja**[27], impjegat mad-Direttorat tar-Regolazzjoni Veterinarja, xehed illi huwa aċċeda fir-razzett in kwistjoni fit-8 ta' Novembru 2021, sabiex jitwaħħal iċ-ċomb fuq xi annimali u kellu numru eżatt ta' kemm waħħal ċomb. Stqarr illi *li waħħalt jiena ma kellhom xejn f'widnejhom għax dawk kienu ta' età żgħira*. In kontro-eżami Joseph Calleja stqarr illi ġieli marru f'irziezet biex iwaħħlu ċomb li jinqata' u ddikjara wkoll li d-Dipartiment ġieli kellu problema bil-provvista taċ-ċomb għax ma jasalx iċ-ċomb minn barra u li għas-sena partikolari, imma mhux għall-każ partikolari, id-Dipartiment kellu problema bil-provvista taċ-ċomb. In ri-eżami stqarr li r-raħħala dak iż-żmien mhux bilfors kienu javżaw lid-Dipartiment jekk ikollhom bżonn xi ċomb u fir-rigward xehed *f'dak iż-żmien aħna kull sitt xhur konna mmorru li nsibu taħt l-età, inneħħulhom iċ-ċomb biex insibuhom kważi lesti għal meta mmorru nagħmlu l-ispezzjoni ta' wara*. Fir-rigward ta' records li jista' għandu d-Dipartiment dwar talbiet għaċ-ċomb, Joseph Calleja xehed illi *għandna ftit records imma ta' dak iż-żmien ma naħsibx illi għandna. Li għandna għaliex qisu mbagħad minn sena 'l hawn bdejna nżommu min iċemplilna ħalli nkunu nafu min ċempel ħalli nkunu nafu fejn għandna mmorru.*

**Christian Lia**[28], xehed illi huwa aċċeda fir-razzett mertu ta' dawn il-proċeduri fit-8 ta' Novembru 2021 u *bażikament kulma kien ix-xogħol tiegħi huwa li nimmarka n-numri taċ-ċomb fuq il-lista taċ-ċensiment u nitkeb xi affarijiet illi jgħidli t-tabib. … Bħal per eżempju meta għamilna ċomb ġdid, ir-razez, kemm kellhom żmien u dawk l-affarijiet hekk. … Bdew jaqbdu n-nagħaġ u l-mogħoż waħda waħda, jeħdulhom in-numru u jiena nimmarka fuq il-lista*. Fir-rigward ta' riżultati ta' dan l-eżerċizzju, Christian Lia xehed illi *kien hemm xi annimali neqsin, kien hemm waħda żejda li ma kinitx fil-list, jiġifieri kienet żejda. Dawk sa' fejn naf jien.*

**Raymond Abela**[29], in rappreżentanza tal-Biċċerija, xehed illi *f'Novembru tas-sena 2021 konna tlajna l-Biċċerija filgħodu u kienu qalulna biex nibqgħu hemmhekk għaliex kellna inspection u xogħoli kien li għamilna ċ-ċensiment tal-mogħoż u tan-nagħaġ u kien hemm xi ħrief u gidien li kienu bla ċomb u ittegjajnihom*. Stqarr illi dakinhar preżenti fuq il-post kien hemm l-imputat Jason Calleja. Dwar l-eżerċizzju li għamlu, Raymond Abela xehed illi *as such aħna qbilna fin-numru u waħħalna t-tags il-ġodda. … Għax kienu gidien, kienu bla ċomb u kienu bejn qisu xahrejn u 5 xhur, f'dak il-perijodu illi suppost jeħel iċ-ċomb. Kif konna hemmhekk jiġifieri għamilnihom ukoll*. Mistoqsi *u apparti illi kien hemm dawn l-annimali żejda, kien hemm xi affarijiet oħra?* Raymond Abela wieġeb *le, ma jidhirlix. Ifhem dawk ma jkunux żejda, dawk għax ma jkunux ittegjati għax kieku żejda, kieku tgħid għandhom iċ-ċomb u mhux irreġistrati. Hemmhekk jiġu żejda*. Mistoqsi dawn l-annimali kienux fuq iċ-ċensiment oriġinali, huwa wieġeb *le,*

---

[27] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' Novembru 2022, fol. 50 sa' 53 tal-proċess.

[28] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Diċembru 2022, fol. 60 sa' 62 tal-proċess.

[29] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Diċembru 2022, fol. 63 sa' 66 tal-proċess.

*żgur li le, għax imbagħad once li tittegjahom u tirreġistrahom, imbagħad jiġu fuq iċ-ċensiment.*

In kontro-eżami waqt is-seduta tas-26 ta' Ġunju 2023[30], Raymond Abela stqarr li ġieli ġara li waqt spezzjonijiet għal ċensiment isibu annimali li tkun inqalgħtilhom iċ-ċomb, iżda dawn ikunu jidhru li gralhom hekk għaliex ikollhom it-toqob f'widnejhom.

**Duncan Chetcuti Ganado**[31], in rappreżentanza tad-Direttorat tar-Regolazzjoni Veterinarja, xehed illi skond EC Regulation 1099 ta' 2009, jistgħu jinqatlu għall-konsum domestiku tjur, fniek u libri, iżda annimali oħra le.

**L-imputat Emanuel Calleja**[32] xehed illi mar-razzett u l-annimali ma għandux x'jaqsam u jieħu ħsieb kollox, inkluż l-annimali, l-imputat l-ieħor Jason Calleja. L-unika konnessjoni li għandu hija għaliex il-permessi ta' l-istess razzett huma fuq ismu.

**L-imputat Jason Calleja**[33] stqarr illi r-razzett in kwistjoni huwa reġistrat fuq missieru iżda jieħu ħsieb kollox hu, l-annimali inklużi. Fir-rigward tan-nagħġa li instabet maqtula u in parti mqaxxra, huwa xehed illi *qtilt ħaruf għalija u kont se nagħti nofsu lil ġiex persuni oħra għax jiġu jgħinuni u kont ħa nagħtihom nofsu. Kien hemm xi ħadd bgħatet Pulizija u qaluli biex ninżel narmih il-Biċċerija u niżżiultu u ħraqtu l-Biċċerija u qaluli li mhux suppost, issa jien it-tabib minn tal-Biċċerija qalli li ħaruf għalik tista' toqtol.* Dwar l-istat tar-razzett xehed illi *r-razzett tajjeb jinżamm. Kull sitt xhur jiġu jtaqqbu, m'għandix problemi ta' xejn. Għadha kif ġietni l-karta din il-ġimgħa li kollox sew. … qiegħed magħluq, qiegħed imsallab … la nista' nixtri u lanqas inbiegħ.* Ikkonferma li għalkemm il-permess tar-razzett huwa fuq missieru, il-bhejjem huma tiegħu, jieħu ħsiebhom hu u meta jkun hemm spezzjoni dwarhom, jiffirma għalihom hu. Dwar l-annimali li ma kellhomx ċomb, l-imputat stqarr li *ċ-ċomb iwaħħluh huma tal-Gvern … dawk li kelli mingħajr ċomb rabbejthom jien minn tiegħi, kien ilni ngħidilhom, navżahom il-Biċċerija biex jiġu jagħmluhom iċ-ċomb, kienu bbukjati biex jiġu jagħmluhom iċ-ċomb li nrabbi trobbija minn tiegħi, qed tifhem, u li nixtri jien bit-transfer.* Ċaħad li kien hemm it-tbagħbis biċ-ċomb u insista li dawk li kienu bla ċomb kien trobbija minn tiegħu u li kienu tal-Biċċerija stess li damu biex ġew jagħmlulhom iċ-ċomb għaliex ma kellhomx provvista ta' ċomb dak iż-żmien.

## Imputazzjonijiet:

Bl-**ewwel** u **t-tieni imputazzjoni** dedotti fil-konfront tagħhom, l-imputati Emanuel Calleja u Jason Calleja qed jiġu mixlija talli nhar it-8 ta' Novembru 2021 u fil-ġranet u ġimgħat ta' qabel ġewwa Triq Sant' Andrija, Msida, f'razzett bin-numru ta' reġistrazzjoni D043, b'diversi atti magħmula minnhom fi żminijiet differenti, li

---

[30] Fol. 97 u 98 tal-proċess.

[31] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-26 ta' Ġunju 2023, fol. 94 sa' 96 tal-proċess.

[32] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-27 ta' April 2023, fol. 90 u 91 tal-proċess.

[33] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' Ottubru 2023, fol. 105 sa' 107 tal-proċess.

jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi, u li jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda: (1) Bħala sidien, detenturi, negozjanti jew importaturi, destinarji, trasportaturi, bejjiegħa bl-imnut jew kull persuna oħra awtorizzata taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kap.437 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex jiddisponu minn annimali ħajjin, prodotti ta' oriġini mill-annimali, prodotti elenkati fl-Ewwel Skeda, għalf ta' l-annimali jew prodotti mediċinali veterinarji, jew rappreżentanti ta' dawk il-persuni, jew min kien inkarigat minn xi attività veterinarja privata, ma osservawx kull obbligazzjoni imposta fuqhom taħt il-Kap.437, li għandha x'taqsam ma' mard li jittieħed, bħala persuni li kellhom jidentifikaw u jirreġistraw annimali u jiddikjaraw ċaqlieq ta' annimali li kienu taħt ir-responsabilità tagħhom, bi ksur ta' l-Artikolu 35(1)(ċ)(iii) tal-Kap.437 tal-Liġijiet ta' Malta; (2) Bħala sidien, detenturi, negozjanti jew importaturi, destinarji, trasportaturi, bejjiegħa bl-imnut jew kull persuna oħra awtorizzata taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kap.437 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex jiddisponu minn annimali ħajjin, prodotti ta' oriġini mill-annimali, prodotti elenkati fl-Ewwel Skeda, għalf ta' l-annimali jew prodotti mediċinali veterinarji, jew rappreżentanti ta' dawk il-persuni, jew min kien inkarigat minn xi attività veterinarja privata, naqsu milli jiddikjaraw l-attività tagħhom lis-servizzi veterinarji skond id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 437, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 35(1)(a) tal-Kap.437 tal-Liġijiet ta' Malta.

Dawn iż-żewġ imputazzjonijiet partikolari dedotti fil-konfront ta' l-imputati huma ibbażati fuq l-Artikolu 35(1)(a)(c)(iii) tal-Kap.437 tal-Liġijiet ta' Malta, illi fiż-żmien pertinenti għal dawn il-proċeduri kienu jipprovdu li: *Kull min ikun is-sid, id-detentur, in-negozjant jew l-importatur, id-destinatarju, it-trasportatur, il-bejjiegħ bl-imnut jew kull persuna oħra li tkun awtorizzata taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att biex tiddisponi minn annimali ħajjin, prodotti ta' oriġini mill-annimali, prodotti elenkati fl-Ewwel Skeda, għalf ta' l-annimali jew prodotti mediċinali veterinarji, jew ir-rappreżentant ta' dawk il-persuni, jew min ikun inkarigat minn xi attività veterinarja privata, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att - (a) għandu jiddikjara l-attività tiegħu lis-servizzi veterinarji, skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, hekk kif id-Direttur jista' jistabilixxi; … (c) għandu josserva kull obbligazzjoni imposta taħt dan l-Att li għandha x'taqsam ma' mard li jittieħed, u jimplimenta regoli relattivi; mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dan hawn qabel imsemmi, dawk il-persuni għandhom - … (iii) jidentifikaw u jirreġistraw annimali, u jiddikjaraw ċ-ċaqliq ta' annimali li jkunu taħt ir-responsabilità tagħhom.*

Fil-fehma tal-Qorti huwa evidenti li l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputati Emanuel Calleja u Jason Calleja tittratta primarjament dwar dawk in-nagħaġ u mogħoż li waqt l-ispezzjoni tas-7 ta' Novembru 2021 mill-uffiċjali tad-Direttorat tar-Regolazzjoni Veterinarja ġewwa r-razzett fi Triq Sant' Andrija, Msida, kienu nstabu bla ċomb. Il-fatt li dawn il-bhejjem kienu bla ċomb juri b'mod ċar li l-istess ma kienux identifikati u rreġistrati mad-Dipartiment in kwistjoni. Tant tali nagħaġ u mogħoż kienu bla ċomb illi uħud minn dawk identifikati fis-7 ta' Novembru 2021, sarilhom iċ-ċomb u ġew reġistrati l-għada 8 ta' Novembru 2021 minn uffiċjali ta' l-istess.

Il-Qorti qed tgħid li uħud minnhom biss sarilhom iċ-ċomb għar-raġuni li waqt l-ispezzjoni tas-7 ta' Novembru 2021, hekk kif jirriżulta mir-rapport esebit bħala Dok. "CS" a fol. 19 sa' 30 tal-proċess, kien instab li *21 caprines and 35 ovines lacked proper identification*, filwaqt illi waqt l-ispezzjoni tat-8 ta' Novembru 2021 iċ-ċomb sar biss fuq 27 bhima, mentri l-kumplament jidher li kellhom ċomb imwaħħal frisk tant li kellhom id-demm frisk ma widnejhom, iżda rriżulta li dan iċ-ċomb ma kienx jaqbel ma' l-età tagħhom. Dan ma jirriżultax biss mir-rapport li ġie kkonfermat mill-uffiċjali kollha li ffirmawh imma jirriżulta wkoll mix-xhieda ta' l-istess uffiċjali, kemm dawk li aċċedew fir-razzett fis-7 ta' Novembru 2021, kif ukoll dawk li aċċedew fit-8 ta' Novembru 2021.

L-imputat Emanuel Calleja jipprova jeżimi lilu nnifsu minn kull responsabilità kriminali billi jgħid illi huwa ma għadux attiv fir-razzett u jieħu ħsieb kollox l-imputat Jason Calleja, huwa għandu biss il-permess tar-razzett fuq ismu. L-imputat Jason Calleja min-naħa l-oħra jipprova jeżimi lilu nnifsu minn kull responsabilità kriminali billi jikkontendi li huwa kienu ilu żmien jiġri wara d-Dipartiment biex isir iċ-ċomb fuq dawn il-bhejjem, li kienu tat-trobbija tiegħu stess, iżda qatt ma ngħata appuntament għaliex id-Dipartiment ma kellux ċomb a disposizzjoni tiegħu.

Id-difiża ta' l-imputat Emanuel Calleja ma treġix għaliex kif ammess minnu stess u kif jirriżulta mill-provi, il-permessi tar-razzett in kwistjoni huma maħruġin f'ismu. Id-difiża ta' l-imputat Jason Calleja wkoll ma treġix, għal diversi raġunijiet.

Fl-ewwel lok huwa ma ta assolutament l-ebda spjegazzjoni plawsibbli għall-anomalija fiċ-ċomb tal-bhejjem ravvista mill-uffiċjali tad-Dipartiment bejn is-7 ta' Novembru 2021 u it-8 ta' Novembru 2021, fejn mhux il-bhejjem kollha riskontrati bla ċomb fis-7 ta' Novembru 2021 kienu għadhom bla ċomb fit-8 ta' Novembru 2021 peress illi wħud minn dawn il-bhejjem l-għada, ossia appuntu fit-8 ta' Novembru 2021, kellhom ċomb imwaħħal frisk, liema ċomb però ma kienx jaqbel ma' l-età tal-bhejjem in kwistjoni. Anke l-fatt li twaħħal dan iċ-ċomb bejn is-7 ta' Novembru 2021 u t-8 ta' Novemberu 2021, liema ċomb ma twaħħalx minn uffiċjali tad-Dipartiment, juri biċ-ċar li l-bhejjem tar-razzett ma kienux kollha in linea mal-liġi. Fit-tieni lok, anke l-iskuża li d-Dipartiment ma kellux ċomb ma hija xejn għajr mera allegazzjoni ta' l-imputat Jason Calleja. Mhux biss għaliex Joseph Calleja għad illi rrikonoxxa li d-Dipartiment ġieli kellu problema ta' provvista ta' ċomb tul is-sena iżda, saħaq li għal dan il-każ partikolari ma kienx hemm ċomb bin-nieqes, imma anke għaliex id-Dipartiment effettivament kellu ċomb immedjatament disponibbli u dan twaħħal fuq il-bhejjem ta' l-imputat l-għada li saret l-ewwel spezzjoni tas-7 ta' Novembru 2021.

Dana kollu juri li, kuntrarjament għal dak argumentat mill-imputati, il-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li seħħet vjolazzjoni ta' l-Artikolu 35(1)(c)(iii) tal-Kap. 437 tal-Liġijiet ta' Malta u li għal tali vjolazzjoni huma appuntu ħatja ż-żewġ imputati: l-imputat Emanuel Calleja bħala sid ir-razzett u l-imputat Jason Calleja bħala d-detentur tar-razzett u l-persuna li materjalment tmexxi l-istess razzett.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk, il-Qorti għandha ssib liż-żewġ imputati ħatja ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħhom.

In kwantu rigwarda t-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat u cioè li bi vjolazzoni ta' l-Artikolu 35(1)(a) tal-Kap. 437 tal-Liġijiet ta' Malta l-imputati, qua sid u detentur rispettivament, naqsu milli jiddikjaraw l-attività tagħhom lis-servizzi veterinarji, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att, hekk kif id-Direttur jista' jistabilixxi, il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni ma ressqitx provi li juru l-ħtija ta' l-imputati għal tali imputazzjoni hekk dedotta fil-konfront tagħhom lil hinn minn kull dubju raġonevoli.

Il-Prosekuzzjoni ffukat fuq il-bhejjem li ma kienux reġistrati u b'hekk ma kellhomx ċomb, fuq il-nagħġa li nstabet maqtula u parzjalment imqaxxra u fuq in-nagħġa marida li eventwalment mietet. Fir-rigward ta' affarijiet u/jew nuqqasijiet oħra li seta' kien hemm fir-razzett in kwistjoni u/jew l-operat ta' l-imputati ma tressqux provi fir-rigward.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti tqis li l-imputati ma jistgħux u ma għandhomx jinstabu ħatja tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħhom.

Bit-**tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjoni** dedotti fil-konfront tagħhom, l-imputati qed jiġu mixlija: (3) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ma ħadux dawk il-passi raġonevoli f'kull ċirkostanza sabiex jiżguraw li l-ħtigijiet ta' annimal li kienu responsabbli għalih, jew li qablu li jieħdu ħsiebu, jintlaħqu hekk kif meħtieġ bi prattiċi tajba sabiex tiġi żgurata s-saħħa u l-benesseri ta' l-annimal, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(4) tal-Kap.439 tal-Liġijiet ta' Malta; (4) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ġiegħlu annimali jsofru uġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(2) tal-Kap.439 tal-Liġijiet ta' Malta; (5) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi żammew jew qablu li jżommu annimali mingħajr ma kienu responsabbli għat-trattament xieraq tagħhom, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(3) tal-Kap.439 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-Artikolu 8(2)(3)(4) tal-Kap.439 tal-Liġijiet ta' Malta, kif applikabbli fiż-żmien mertu ta' dawn il-proċeduri, ossia qabel l-emendi introdotti bl-Att LXIV ta' l-2021 u bl-Att 1 ta' l-2023, kien jipprovdi li: *(2) L-ebda annimal ma għandu jiġi mġiegħel isofri uġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn u l-ebda annimal ma jista' jiġi abbandunat; (3) Kull min iżomm l-annimali jew jaqbel li jżomm annimali għandu jkun responsabbli għat-trattament xieraq tagħhom; (4) Kull persuna għandha tieħu dawk il-passi raġonevoli f'kull ċirkostanza sabiex tiżgura li l-ħtiġijiet ta' annimal li hija responsabbli għalih, jew li taqbel li tieħu ħsieb, jintlaħqu hekk kif meħtieġ bi prattiċi tajba sabiex tiġi żgurata s-saħħa u l-benesseri ta' l-annimali. Għall-għanijiet ta' dan is-subartikolu, ħtiġijiet ta' annimal tinkludi l-provvista ta' ambjent xieraq, provvista ta' dieta sana, lok sabiex l-annimal jesprimi l-imġiega normali tiegħu, provvista ta' akkomodazzjoni xierqa, segregazzjoni minn annimali oħra fejn meħtieġ, u protezzjoni minn uġigħ, tbatija, korrimenti u mard.*

Ma hemmx dubju li dawn it-tlett imputazzjonijiet jittrattaw dwar in-nagħġa li nhar is-7 ta' Novembru 2021 instabet fi stat ta' saħħa ħażin u pjetuż u li l-għada 8 ta'

Novembru 2021 instabet mejta. Fir-rigward hija importanti mhux biss ix-xhieda ta' l-uffiċjali tad-Direttorat tar-Regolazzjoni Veterinarja u ta' l-Uffiċjali ta' l-Animal Welfare, iżda hija ferm importanti u kruċjali wkoll ix-xhieda tal-veterinarju Dr. Vito Benvenga li ra u eżamina n-nagħġa in kwisjtoni fis-7 ta' Novembru 2021. Fir-rigward huwa qal *a sheep which was found in the stable which was with an infected wound in the leg, I think in the left leg … and she wasn't able to stand up so she was resting. I was going to order the slaughter of the sheep but the owner told me that he will treat it so I said "You have to call a vet and tomorrow when we come, we see that the treatment was given and everything and we said ok", but the day after apparently, when my colleagues went, they found the sheep dead.* Fir-rigward ta' l-istess nagħġa stqarr ukoll li *was very skinny, meaning that she was not eating properly for a certain time.*

Huwa evidenti għalhekk u ma hemm assolutament ebda dubju fir-rigward li dwar ta' din in-nagħġa, illi spiċċat biex mietet bejn is-7 u t-8 ta' Novembru 2021, kien hemm il-vjolazzjoni tal-provvedimenti ta' l-Artikolu 8(2)(3)(4) tal-Kap.439 tal-Liġijiet ta' Malta kif appena ċitati. Fil-fehma tal-Qorti però l-persuna responsabbli għal dawn il-vjolazzjonijiet, u b'hekk ħati ta' dawn it-tlett imputazzjonijiet partikolari, huwa biss l-imputat Jason Calleja illi *ex admissis* stqarr li kien hu waħdu responsabbli għall-annimali fuq ir-razzett.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti tqis li filwaqt li ma għandhiex issib lill-imputat Emanuel Calleja ħati tat-tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, għandha ssib lill-imputat Jason Calleja ħati ta' dawn l-imsemmija tlett imputazzjonijiet dedotti kontrih.

Bis-**sitt imputazzjoni** dedotta fil-konfront tagħhom, l-imputati qed jiġu mixlija: U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, talli ħadu sehem fil-moviment, l-għoti ta' kenn, irbit, sturdament, tbiċċir jew qtil ta' annimali meta ma kellhomx it-tagħrif u l-ħila meħtieġa biex twettqu il-ħidmiet b'umanità u b'effiċjenza skond il-ħtiġiet tar-regolamenti kif stipulati u bi ksur tar-Regolament 7 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.03 dwar il-Protezzjoni ta' Annimali waqt it-Tbiċċir jew il-Qatla.

Minn eżami tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.03 kif applikabbli llum, jirriżulta li r-Regolament 7 ta' l-imsemmija Leġislazzjoni Sussidjarja ġie mħassar bl-Avviż Legali 213 ta' l-2023. Għalkemm ir-Regolament 16 ta' l-imsemmija Leġislazzjoni Sussidjarja jipprovdi - u kien hekk jipprovdi anke fiż-żmien mertu ta' dawn il-proċeduri - għall-imposizzjoni ta' multa f'każ ta' sejbien ta' ħtija ta' vjolazzjoni ta' wieħed mir-Regolamenti hemm disposti, illum din il-Qorti tinsab fl-impossibilità li tikkonsidra u konsegwentement taġixxi fir-rigward ta' din is-sitt imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputati stante li llum r-Regolament bil-vjolazzjoni ta' liema qed jiġu mixlija ma għadux jeżisti u għaldaqstant l-ebda piena ma tista' tiġi imposta.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti bl-ebda mod ma tista' ssib lill-imputati ħatja tas-sitt imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħhom.

Bis-**seba', tmien, disa', l-għaxar, il-ħdax, it-tnax, it-tlettax, l-erbatax, il-ħmistax, is-sittax, is-sbatax u t-tmintax imputazzjoni** dedotti fil-konfront tagħhom, l-imputati qed jiġu mixlija talli: (7) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi naqsu milli jipprovdu lill-annimali protezzjoni minn kondizzjonijiet ħżiena tat-temp, predaturi u riskji għal saħħithom, u dan bi ksur tal-Punt 12 ta' l-Iskeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.09; (8) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi naqsu milli jipprovdu dieta sustanzjuża li tkun xierqa għall-età u l-ispeċi ta' l-amminali u li tingħatalhom fi kwantità biżżejjed biex iżżommhom f'saħħithom u jissodisfaw l-bżonnijiet nutrittivi tagħhom, u dan bi ksur tal-Punt 14 ta' l-Iskeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.09; (9) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ma kienx hemm dawl adegwat disponibbli (fiss jew li jinġarr) biex jippermetti li l-annimali jkunu spezzjonati sew f'kull ħin, u dan bi ksur tal-Punt 3 ta' l-Iskeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.09; (10) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi l-annimali ma kellhomx aċċess għall-ikel f'intervalli xierqa għall-bżonnijiet fiżjoloġiċi tagħhom, u dan bi ksur tal-Punt 15 ta' l-Iskeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.09; (11) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi l-annimali ma kellhomx aċċess għal provvista xierqa ta' ilma jew li tkun kapaċi tissodisfa l-bżonnijiet ta' xorb tagħhom permezz ta' mezzi oħra, u dan bi ksur tal-Punt 16 ta' l-Iskeda tal-Leġislazzjoni Sussidarja 439.09; (12) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, il-materjali wżati għall-bini ta' akkomodazzjoni ta' l-għoġġiela u partikolarment ta' kaxxi u tagħmir li miegħu l-għoġġiela jista' jkollhom kuntatt ma ridux ikunu ta' ħsara għall-għoġġiela u riedu jkunu jistgħu jitnaddfu sew u jkunu disinfettati, u dan bi ksur tal-Punt 1 ta' l-Iskeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.01; (13) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi l-insulazzjoni, is-sħana u l-ventilazzjoni tal-bini ma kinitx tiżgura li ċ-ċirkolazzjoni ta' l-arja, il-livell tat-trab, it-temperatura, l-umdità relattiva ta' l-arja u l-konċentrazzjoni tal-gass jinżammu fil-livelli li ma jagħmlux ħsara lill-għoġġiela, u dan bi ksur tal-Punt 3 ta' l-Iskeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.01; (14) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi l-għoġġiela ma ġewx spezzjonati mis-sid ta' lanqas darbtejn kuljum u kull għoġol marid jew imweġġa' ma ġiex ikkurat, u dan bi ksur tal-Punt 6 ta' l-Iskeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.01; (15) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi l-fond, il-maqjel u t-tgħamir ma tnaddafx tajjeb u ma ġiex diżinfettat, u dan bi ksur tal-Punt 9 ta' l-Iskeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.01; (16) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi l-għoġġiela ma kienux provduti dieta xierqa u adattata għall-età, toqol, imġieba u bżonnijiet fiżjoloġiċi tagħhom, u dan bi ksur tal-Punt 11 ta' l-Iskeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.01; (17) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi l-għoġġiela ma ġewx mitmugħa darbtejn kuljum, u dan bi ksur tal-Punt 12 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.01; (18) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi l-għoġġiela akbar minn ġimgħatjen ma kellhomx aċċess għall-kwantità biżżejjed ta' ilma frisk, u dan bi ksur tal-Punt 13 ta' l-Iskeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.01.

Għalkemm il-Prosekuzzjoni qed tressaq dawn l-imputazzjonijiet hawn appena ċitati fil-konfront ta' l-imputati, hija naqset milli tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli l-ħtija tagħhom għal tali imputazzjonijiet. Kif già iktar 'l fuq osservat il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni ffukaw fuq in-nagħġa li nstabet maqtula u imħanxra - il-kwistjoni trattata fil-konsiderazzjonijiet dwar is-sitt imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputati, in-nagħġa li nstabet marida fis-7 ta' Novembru

2021 u mietet sat-8 ta’ Novemberu 2021 - il-kwistjoni trattata fil-konsiderazzjonijiet dwar it-tielet, ir-raba’ u l-ħames imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta’ l-imputati, u fuq il-bhejjem li ma kellhomx ċomb - il-kwistjoni trattata fil-konsiderazzjonijiet dwar l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront ta’ l-imputati. Fir-rigward ta’ l-istat tar-razzett, l-annimali l-oħra fih u anke fir-rigward ta’ għoġġiela li seta’ kien hemmfir-razzett ma tressqet assolutament l-ebda prova. Għalkemm Dr. Vito Benvenga xehed illi *what I saw was that there where, let’s say, something that was arranged and it looked like something not really made on purpose or made in a good state. It was kept just, to make an example, some of the enclosures weren’t real gates but were just made of like we saw in the pictures, either wooden or metal enclosures and put there not stable and not like they should be. Inside, what I remember, from the two photos, those two pens that I saw, they weren’t so dirty*, huwa kien qed jgħid dan relattivament għan-nagħaġ u mhux għall-għoġġiela u fi kwalunkwe każ ma tikksostiwixxix prova sodisfaċenti ta’ vjolazzjoni da parte ta’ l-imputati tal-provvedimenti tal-Liġi fuq liema huma bbazati l-imsemmija imputazzjonijiet.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti tqis li minħabba nuqqas ta’ provi l-imputati ma jistgħux u ma għandhomx jinstabu ħatja ta’ l-imputazzjoni numru seba’ sa’ l-imputazzjoni numru tmintax, iż-żewġ imputazzjonijiet inklużi, dedotti fil-konfront tagħhom.

Bl-imputazzjoni numru **dsatax** dedotta fil-konfront tagħhom, l-imputati qed jiġu mixlija: U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kkommettew reat waqt il-perijodu operattiv ta’ sentenza imposta fuqhom mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali fl-1 ta’ Lulju 2021, mill-Maġistrat Dr. Victor Axiak, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Hawn ukoll il-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova fir-rigward u għaldaqstant l-imputati ma jistgħux u ma għandhomx jinstabu ħatja ta’ tali imputazzjoni dedotta kontrihom.

**Addebitu tar-reċidiva:**

Għalkemm il-Prosekuzzjoni ressqet fil-konfront ta’ l-imputati l-addebitu tar-reċidiva ai termini ta’ l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta’ Malta, hawn ukoll għal kollox naqset milli tressaq provi fir-rigward. Konsegwentement għalhekk l-imputati ma jistgħux u ma għandhomx jinstabu li huma reċidivi ai termini ta’ l-imsemmija Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

**Piena:**

Għall-finijiet ta’ piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom l-imputati qed jinstabu ħatja u ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li fir-rigward ta’ l-imputat Jason Calleja japplika l-provvediment ta’ l-Artikolu 17(f) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

**Decide:**

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti, filwaqt li mhux qed issib lill-imputati Emanuel Calleja u Jason Calleja ħatja ta' l-imputazzjonijiet numru tnejn, sitta, seba', tmienja, disgħa, għaxra, ħdax, tnax, tlettax, erbatax, ħmistax, sittax, sbatax, tmintax u dsatax dedotti fil-konfront tagħhom u wkoll mhux qed issib li huma reċidivi ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'hekk tilliberahom minn tali imputazzjonijiet u mill-addebitu tar-reċidiva dedott fil-konfront tagħhom, u filwaqt ukoll li mhux qed issib lill-imputat Emanuel Calleja waħdu ħati tat-tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjonijet dedotti fil-konfront tiegħu u b'hekk tilliberah minnhom, wara li rat u kkunsidrat:

A. L-Artikoli 35(1)(ċ)(iii) u 57(1) tal-Kap.437 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 18 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat Emanuel Calleja ħati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-multa ta' ħames mitt Euro (€500);

B. L-Artikoli 35(1)(ċ)(iii) u 57(1) tal-Kap.437 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 8(2)(3)(4) u 45(1)(a) tal-Kap.439 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 17(f) u 18 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat Jason Calleja ħati ta' l-ewwel, it-tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-multa ta' elfejn u ħames mitt Euro (€2,500).

Kemm-il darba l-imputati jew min minnhom ma jħallasx il-multa hawn imposta fuqu, japplikaw fil-konfront tagħhom jew min minnhom il-provvedimenti ta' l-Artikolu 11(3) u t-tieni proviso ta' l-Artikolu 14 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ma hijiex se tapplika d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 57(2) tal-Kap.437 tal-Liġijiet ta' Malta stante li tqis li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ l-istess ma jsibx applikazzjoni, u lanqas ma hija se tapplika l-Artikolu 45(3) tal-Kap.439 tal-Liġijiet ta' Malta stante li ma tressqet l-ebda prova ta' spiża li setgħet ġiet imġarrba ai termini ta' l-imsemmi artikolu tal-Liġi.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**